A.L. 364 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAT-TRASPORT TA' MALTA (KAP.332)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Standards ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar *Standards* ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq.

Dmir li jkun hemm konformità ma' l-i*standards*.

2. Kull min ikun qiegħed jiddisinja jew jibni jew jagħmel xi manutenzjoni jew xogħlijiet oħra f'xi triq għandu jħares l-*Istandards* dwar Xogħlijiet fit-Triq li hemm provdut dwarhom fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

Standards dwar Xogħlijiet fit-Triq.

3. L-I*standards* ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq huma dawn li ġejjin:

(i) Volum 1- Speċifikazzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq;

(ii) Volum 2 – Linji direttivi dwar Speċifikazzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq;

(iii) Volum 3 – Dettalji dwar Bini ta' Triq;

(iv) Volum 4 – Metodu dwar Qjies għal Xogħlijiet fit-Triq u Linji Direttivi dwar Qjies ta' Xogħlijiet fit-Triq;

(v) Volum 5 - Manwâl ta' Disinn għal Toroq u Pontijiet;

(vi) Volum 6 - Linji Direttivi għat-Tħejjija ta' Dokumenti ta' Disinn għall-Bini ta' Triq.

(vii) Volum 7 – Direttivi għall-Istandardizzazzjoni tal-Kostruzzjoni ta' Toroq għall-Użu tat-Traffiku.

Fejn jistgħu jinqraw l-I*standards* dwar Xogħlijiet fit-Triq.

4. Il-pubbliku jista' jara l-I*standards* dwar Xogħlijiet fit-Triq li hemm provdut dwarhom f'regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti fl-uffiċċji ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta matul il-hinijiet normali tax-xogħol.

Kif jiġu applikati l-I*standards* dwar Xogħlijiet fit-Triq.

5. L-I*standards* ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq li hemm provdut dwarhom fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal kull xogħol fit-toroq li jsir wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti imma ma għandhomx japplikaw għal xogħlijiet lesti jew li jkunu diġa' inbdew f'xi triq f'dik id-data.

Interpretazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

6. Mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li tista' tiġi eżeritata kontra xi persuna li tiddisinja jew tibni xi triq bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tiftiehem bħala li tagħti xi jedd lil xi persuna kontra l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew kontra l-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra jew kontra xi persuna li taġixxi fil-kariga uffiċjali tiegħu jew tagħha bħala uffiċjal jew impjegat tal-Gvern jew ta' xi awtorità bħal dik hawn qabel imsemmija jekk ikun hemm triq li ma tkunx tikkonforma ma' kull għamil assoċjat ma' l-I*standards* ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq stipulati f'dawn ir-regolamenti.